MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 961/2008

**APS Bank Ltd**

**Vs**

**Josephine Psaila**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta` Dicembru, 2008 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta` €1,522.30c rapprezentanti bilanc li ghadu dovut in konnessjoni ma` loan account number 20000506132 kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dok. A u in parti kif huwa dovut bhala interest disposal account number 20000679197 kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat Dok.B.

Sema` lil konvenuta li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien fil-fatt minnha dovut.

Ghaldaqstant it-Tribunal fuq ammissjoni ta` l-istess konvenuta qieghed jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €1,522.30c bl-imghax legali dekorribbli mit-30 ta` Gunju, 2008 u bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------